DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 60/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2010 tat-2 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE dwar ċentri għall-ġbir u l-ħażna tas-semen, gruppi għall-ġbir u l-produzzjoni tal-embrijuni, u l-kundizzjonijiet għal annimali donaturi tal-ispeċi ekwini, ovini u kaprini u għall-ġestjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' dawk l-ispeċi ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010 tas-6 ta' Mejju 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-numru massimu ta' annimali domestiċi ta' ċerti speċji li jistgħu jkunu s-suġġett ta' moviment mhux kummerċjali ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 438/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/371/KE tad-29 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjonijiet 84/247/KEE u 84/419/KEE fir-rigward tal-kotba tal-merħla għall-ispeċijiet bovini ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/188/UE tad-29 ta' Marzu 2010 li temenda l-Anness III għad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċertu reġjuni amministrattivi tal-Polonja u l-Portugall huma uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enżootika bovina ([7]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/193/UE tad-29 ta' Marzu 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2003/135/KE fir-rigward tal-pjanijiet ta' qerda u l-pjanijiet għat-tilqim ta' emerġenza għad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer selvaġġi f'ċerti żoni tar-Rhine Westphalia tat-Tramuntana u tar-Rhineland-Palatinate (il-Ġermanja) ([8]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/270/UE tas-6 ta' Mejju 2010 li temenda l-Partijiet 1 u 2 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward taċ-ċertifikati mudelli tas-saħħa tal-annimali minn stabbilimenti u għan-naħal u n-naħal bagħli ([9]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/271/UE tal-11 ta' Mejju 2010 li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-inklużjoni tal-Irlanda fil-lista ta' reġjuni fejn hemm stabbilit programm approvat ta' kontroll nazzjonali għall-marda Aujeszky ([10]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/367/UE tal-25 ta' Ġunju 2010 dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku u t-tjur selvaġġ ([11]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/391/UE tat-8 ta' Lulju 2010 li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent tal-Litwanja u r-reġjun tal-Molise fl-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (B. Melitensis) u li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' ċerti reġjuni amministrattivi tal-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi bovina, mill-bruċellosi bovina u l-lewkosi bovina enzootika ([12]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/434/UE tas-6 ta' Awwissu 2010 [li] temenda l-Annessi I u II mad-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-inklużjoni tas-Slovenja fil-lista ta' Stati Membri ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u l-inklużjoni tal-Polonja fil-lista ta' Stati Membri fejn hemm fis-seħħ programm ta' kontroll nazzjonali approvat għal dik il-marda ([13]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 69.
([2]) ĠU L 52, 3.3.2010, p. 14.
([3]) ĠU L 114, 7.5.2010, p. 3.
([4]) ĠU L 132, 29.5.2010, p. 3.
([5]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
([6]) ĠU L 140, 1.6.2007, p. 49.
([7]) ĠU L 83, 30.3.2010, p. 59.
([8]) ĠU L 84, 31.3.2010, p. 56.
([9]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 56.
([10]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 63.
([11]) ĠU L 166, 1.7.2010, p. 22.
([12]) ĠU L 180, 15.7.2010, p. 21.
([13]) ĠU L 208, 7.8.2010, p. 5.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/435/UE tad-9 ta' Awwissu 2010 li temenda l-Anness XI għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/436/UE tad-9 ta' Awwissu 2010 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE fir-rigward tat-testijiet ta' proficjenza għall-finijiet taż-żamma tal-awtorizzazzjonijiet tal-laboratorji biex iwettqu testijiet seroloġiċi biex jimmonitorizzaw l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 li tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(17) Id-Direttiva 2009/156/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE [4] li hi inkorporata fil-Ftehim u għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.

(18) Id-Deċiżjoni 2010/367/UE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/268/KE [5] li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar taħt il-Ftehim.

(19) Id-Deċiżjoni 2010/436/UE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE [6] li hi inkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titħassar taħt il-Ftehim.

(20) Id-Deċiżjoni 2010/470/UE tħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 95/294/KE [7], 95/307/KE [8], 95/388/KE [9] u 95/483/KE [10] li huma inkorporati fil-Ftehim u għandhom għalhekk jitħassru skont il-Ftehim.

(21) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-Islanda u għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 176/2010, (UE) Nru 388/2010 u (UE) Nru 438/2010, id-Direttiva 2009/156/KE u d-Deċiżjonijiet 2007/371/KE, 2010/188/UE, 2010/193/UE, 2010/270/UE, 2010/271/UE, 2010/367/UE, 2010/391/UE, 2010/434/UE, 2010/435/UE, 2010/436/UE u 2010/470/UE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

[1] ĠU L 209, 10.8.2010, p. 18.
[2] ĠU L 209, 10.8.2010, p. 19.
[3] ĠU L 228, 31.8.2010, p. 15.
[4] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 42.
[5] ĠU L 115, 3.5.2007, p. 3.
[6] ĠU L 71, 10.3.2004, p. 30.
[7] ĠU L 182, 2.8.1995, p. 27.
[8] ĠU L 185, 4.8.1995, p. 58.
[9] ĠU L 234, 3.10.1995, p. 30.
[10] ĠU L 275, 18.11.1995, p. 30.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

ANNESS

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 10 (ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1:

"— **32010 R 0438**: Ir-Regolament (UE) Nru 438/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 (ĠU L 132, 29.5.2010. p. 3)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 146 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/2009) fil-Parti 1.2:

"147. **32010 R 0388**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010 tas-6 ta' Mejju 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-numru massimu ta' pets ta' ċerti speċji li jistgħu jkunu s-suġġett ta' moviment mhux kummerċjali (ĠU L 114, 7.5.2010, p. 3).

Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda."

3. Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-punti 1 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/247/KEE) u 2 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/419/KEE) fil-Parti 2.2:

", kif emendat permezz ta':

— **32007 D 0371**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/371/KE tad-29 ta' Mejju 2007 (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 49)."

4. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 1a (id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE) fil-Parti 3.1:

"— **32010 D 0435**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/435/UE tad-9 ta' Awwissu 2010 (ĠU L 209, 10.8.2010, p. 18)."

5. It-test tal-punt 38 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/268/KE) fil-Parti 3.2 għandu jitħassar.

6. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 44 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/712/KE) fil-Parti 3.2:

"45. **32010 D 0367**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/367/UE tal-25 ta' Ġunju 2010 dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' programmi ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku u t-tjur selvaġġ (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 22).

Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda."

7. Taħt l-intestatura "*L-ATTI LI L-ISTATI TAL-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA GĦANDHOM IQISU KIF MISTĦOQQ*", l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 20 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/135/KE) fil-Parti 3.2:

"— **32010 D 0193**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/193/UE tad-29 ta' Marzu 2010 (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 56)."

8. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 8.1:

"— **32010 R 0176**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2010 tat-2 ta' Marzu 2010 (ĠU L 52, 3.3.2010, p. 14),

— **32010 D 0270**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/270/UE tas-6 ta' Mejju 2010 (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 56)."

9. It-test tal-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE) tal-Parti 8.1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32009 L 0156**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda."

10. Dan li ġej għandu jiġu miżjud fil-punt 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE) fil-Parti 4.2:

"— **32010 D 0391**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/391/UE tat-8 ta' Lulju 2010 (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 21)."

11. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32010 D 0188**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/188/UE tad-29 ta' Marzu 2010 (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 59),

— **32010 D 0391**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/391/UE tat-8 ta' Lulju 2010 (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 21)."

12. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 84 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32010 D 0271**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/271/UE tal-11 ta' Mejju 2010 (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 63),

— **32010 D 0434**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/434/UE tas-6 ta' Awwissu 2010 (ĠU L 208, 7.8.2010, p. 5)."

13. It-test tal-punti 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/294/KE), 34 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/307/KE), 36 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/388/KE), 40 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/483/KE) u 76 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/233/KE) fil-Parti 4.2 għandu jitħassar.

14. Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 91 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/712/KE) fil-Parti 4.2:

"92. **32010 D 0436**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/436/UE tad-9 ta' Awwissu 2010 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE fir-rigward tat-testijiet ta' profiċjenza għall-finijiet taż-żamma tal-awtorizzazzjonijiet tal-laboratorji biex iwettqu testijiet seroloġiċi biex jimmonitorizzaw l-effettività tal-vaċċini tal-idrofobija (ĠU L 209, 10.8.2010, p. 19).

Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda.

93. **32010 D 0470**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 li tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 15).

Dan l-att ma għandux japplika għall-Islanda.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Id-data "il-31 ta' Awwissu 2010" fl-Artikoli 2(a) u (b) u 4(a) u (b) għandha għall-Istati tal-EFTA tinqara "il-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/2011". Id-data "l-1 ta' Settembru 2010" fl-Artikoli 2(b) u 4(b) għall-Istati tal-EFTA għandha tinqara "id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 60/2011"."